MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Numru. 299/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J. Abdilla]**

**vs**

**Joanne Sciberras**

Kumpilazzjoni Numru: 299/2007

Illum 12 ta’ Marzu 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Joanne Sciberras ta’ 28 sena, bint Luciano u Licia nee` Falzon,

imwielda Attard fl-20 ta’ Lulju, 1978 u residenti ‘Casa Madonnina’, Triq il-Kurkanta Zebbug, detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 388178M.

Akkuzata talli f’ Marzu tas-sena 2006 u fil-granet u x-xhur ta wara, f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahada:

B’ mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’ qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh b’ qerq ta’ aktar minn €2329.37 gia Lm1000.00 ghad-dannu ta’ Rose Marie Formosa detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 695756(M) u dan bi ksur ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi xjentament laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehudha b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, u xjentement b’ kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur ta’ l-artikolu 334 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li biha baghat lill-imputat biex tigi gudikata skond l-artikoli 18, 308, 310(1)(a) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata huma dawk ta’ frodi f’ammont li jeccedi €2329.37 a dannu ta’ certa Rosemarie Formosa; hija akkuzata ukoll b’ricettazzjoni.

Illi x-xhiedha principali f’din il-kawza kienu l-parte civile Rosemarie Formosa u l-imputata; xehedu ukoll l-ufficjali tal-pulizija involuti f’l-investigazzjoni ta’ dan il-kaz u rapprezentant ta’l-HSBC Bank Malta plc kif ukoll habiba tal-parte civile.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li mill-ewwel ghandhom isiru certu osservazzjonijet dwar il-fatti.

Illi mill-provi prodotti l-fatti li jirrizultaw ampjament u minghajr dubbju huma s-segwenti:

- l-imputata xtrat hwejjeg minghand l-parte civile li l-prezz bonarjament mifthiem ghalihom kien ta’ Lm12,000;
- l-imputata harget cheque (numru 718) ghall-ammont ta’ Lm4,000 datat 25 ta’ Marzu 2006 fuq kont (ma’l-HSBC Bank) ta’ kumpanija tal-imputata (J & T Sciberras Ltd) pagabbli lill-parte civile; dan ic-cheque gie prezentat il-bank biex jissarraf fit-3 ta’ Mejju 2006 u gie *referred to drawer* l-ghada; rega’ gie prezentat fit-8 ta’ Mejju 2006 u l-ghada rega’ gie *referred to drawer*;
- l-imputata tat blank cheque lill-parte civile li da parti taghha qatt ma’ imlietu u/jew pruvat issarfu jew tiddepozitah il-bank;
- meta nhargu dawn ic-cheques, u fil-perjodu kollu meta kien qed isir in-negozju bejn l-imputata u l-parte civile, ma kienx hemm flus sufficjenti fil-kont relattiv biex ikopruhom tant li f’dak il-perjodu nhargu diversi cheques ohra mill-istess kont tal-kumpanija ta’l-imputata li kienu qed jigu *referred to drawer*;
- mill-prezz ta’ Lm12,000 thallsu Lm4,000 fi flus kontanti u baqa bilanc dovut ta’ Lm8,000, illum ekwivalenti ghal €18,634.99;
- l-imputata tul iz-zmien xtrat diversi oggetti ohra ta’ abbiljament minghand il-parte civile ghall-uzu personali taghha; il-prezz dovut ghalihom thallas ratealment u jidher li f’dan ir-rigward m’hemmx pendenzi bejn il-partijiet;

- l-imputata qalet lil Formosa li dawn il-konsenji l-kbar riedithom ghax kienet qed taghmel negozju ma’ certu taljan (Maurizio Di Stefano) u li l-hwejjeg kienu ghalih.

Illi dawn il-fatti mhux kontestati anzi huma ammessi mill-imputata.

Illi pero jirrizulta li hemm kunflitt fil-provi ghal dak li jirrigwarda l-kronologija; fir-realta z-zewg xhieda principali (il-parte civile u l-imputata) mhux talli jaghtu verzjonijiet ta’ fatti li huma f’kunflitt ma’ xulxin imma sahansitra jikkontradicu lilhom infushom.

Illi fid-depozizzjoni principali taghha l-parte civile Rosemarie Formosa spjegat li l-ewwel negozju ma’l-imputata kien fi Frar 2006 u jirreferi ghal konsenja hwejjeg ghal valur ta’ Lm4,000; ta’ dawn l-oggetti l-imputata hallset fi flus kontanti. F’Marzu sar negozju iehor ghat-tieni konsenja ghal valur simili cioe Lm4,000. Meta waslet din il-konsenja l-imputata hallset b’cheque ta’ Lm4,000 (ic-cheque fuq imsemmi) u dawn il-hwejjeg ukoll gew konsenjati. Dak inhar stess Formosa marret il-bank biex issarraf ic-cheque pero giet infurmata li ma kienx hemm fondi fil-kont relattiv. Formosa tkellmet ma’l-imputata u din infurmata li kienet qed tistenna l-flus minghand DiStefano u li daqt kienet ser tkun f’pozizzjoni thallas dak dovut minnha. Fil-fatt dak in-nhar stess sar diskors dwar it-tielet konsenja; il-partijiet ftehmu ukoll li Formosa ghandha ggib konsenja ohra. Kien ghalhekk li l-imputata harget il-blank cheque; l-iskop tieghu kien li meta tigi it-tielet konsenja Formosa tuza dan il-blank cheque biex tithallas tat-tieni u t-tielet konsenja. It-tielet konsenja giet f’ April 2006 u nghatat lill-imputata. F’din l-okkazzjoni l-imputata qalet lil Formosa li l-hlas ta’ l-ahhar zewg konsenji kien ser isir direttament minn DiStefano permezz ta’ bank transfer f’kont ta’ Formosa. Dan it-transfer qatt ma sar, u minkejja diversi weghdiet l-imputata qatt ma ssaldat il-kontijiet ma’ Formosa li ghalhekk ghamlet rapport lil pulizija.

Illi f’tentattiv biex tigi korroborata (almenu in parti) il-verzjoni mghotija mill-parte civile giet tixhed Angela Vella li kellha informazzjoni relattiva ghall-ahhar zewg konsenji.

Din Vella fil-fatt tikkonferna li f'xi okkazzjoni l-imputata gabret konsenja hwejjeg mill-hanut ta' Formosa u hallset permezz ta' cheque ghal Lm4,000. Vella qalet ukoll li wara xi jumejn Formosa infurmata li kellha problemi bic-cheque. Vella taf ukoll li sussegwentement l-imputata hadet konsenja ohra minghand Formosa u li ghadda ukoll blank cheque.

Illi dwar id-dati u l-kronologija tat-tlett konsenji gie prezentat "diary" ta' Formosa miktub minnha stess, bid-dati tal-konsenji, l-oggetti li kienu jiffurmaw dawn il-konsenji, prezzijiet ecc. Minn dan id-diary jirrizultaw konsenji f'l-20 ta' Frar 2006, fil-25 ta' Marzu 2006 u 20 ta' April 2006.

Illi anomalija li tirrizulta minn din il-verzjoni ta' fatti hija li, kuntrarjament ghal dak li qalet Formosa fid-depozizzjoni taghha, ic-cheque ta' Lm4,000 gie prezentat il-bank fit-8 ta' Mejju 2006, cioe wara li saret it-tielet konsenja u mhux mat-tieni konsenja.

Illi in oltre meta xehdet in kontroezami Formosa tat kronologija differenti. Hi qalet li meta l-imputata taghtha cheque ta' Lm4,000 ghat-tieni konsenja giet mitluba mill-imputata biex "ic-cheque zzommu pending" u li hi ma kellhiex diffikolta taghmel hekk. In kontro ezami qalet ukoll li l-blank cheque inghatalha mal-wasla tat-tielet konsenja.

Illi l-imputata da parti taghha tammetti li hija irciviet hwejjeg minghand Formosa ghal valur ta' Lm12,000 u li ghad ghandha bilanc pendenti ma' Formosa f'l-ammont ekwivalenti ghal Lm8,000 hekk kif tammetti li b'referenza ghal dan in-negozju hija ghamlet pagament ta' Lm4,000 fi flus kontanti, li harget cheque ghal Lm4,000 li gie *referred to drawer*, u li tat blank cheque lil Formosa. L-imputata qed tallega pero li hija l-ewwel pagament ghamlitu permezz tac-cheque u li meta dan gie *referred to drawer* hija hallset dak l-ammont fi flus kontanti. Hija fil-fatt tallega li konsegwentement l-ammont li kellha thallas permezz tac-cheque gie saldat u li t-Lm8,000 dovuta sa' llum m'ghandhomx x'jaqsmu ma dak ic-cheque.

Illi dwar id-depozzizjoni ta’l-imputata huma necessarji s-segwenti osservazzjonijet.

Illi meta hija rrilaxxjat stqarrija lill-pulizija l-impuata qalet li n-negozju ma’ Formosa kien li din kellha ggiebhiela hwejjeg b’valur ta’ Lm13,000 li kellhom jithallsu f’tlett pagamenti ta’ Lm4,000. L-imputata ghamlet l-ewwel pagament ta’ Lm4,000 permezz tac-cheque fuq imsemmi, dan ma ssarafx ghalhekk ftit wara hallset fi flus kontanti; dawn il-flus kien baghthomlha it-taljan Maurizio DiStefano. Meta wasal is-sajf u kellu jsir it-tieni pagament ta’ Lm4,000 l-imputata ma kellhiex flus biex taghmel il-hlas ghalhekk tat blank cheque lil Formosa b’l-intendiment li malli jkollha l-fondi hija tinforma lil Formosa biex din timla c-cheque u tmur isarrfu. Il-fondi pero qatt ma gew u hija ma kenitx f’pozizzjoni thallas il-bilanc ta’ Lm8,000.

Illi meta bdiet tixhed quddiem din il-Qorti l-imputata  tat din l-istess verzjoni ta’ fatti bi ftit differenzi. Quddiem il-Qorti qalet li n-negozju kien ghal Lm12,000 u mhux Lm13,000 pero dan huwa spjegabbli peress li fil-fatt l-valur tal-hwejjeg konsenjati lilha kien aktar minn Lm12,000; jidher li dan l-ammont finali ta’ Lm12,000 gie bonarjament mifthiem. Differenza ohra tirreferi ghall-fatt li quddiem il-Qorti qalet li l-Lm4,000 fi flus kontanti li hjia hallset in sostituzzjoni tac-cheque “rat kif ghamlet bi tigborhom” u mhux li baghathomlha DiStefano kif kienet qalet lill-pulizija f’l-istqarrija.

Illi fil-kors tad-depozizzjoni taghha l-imputata biddlet il-verzjoni u qalet li n-negozju ma’ Formosa kien sar f’zewg episodji; l-ewwel sar negozju ghal konsenja ta’ Lm8,000 u wara negozju ghal konsenja ohra ta’ Lm4,000. F’din il-parti tad-depozizzjoni taghha l-imputata kompliet tghid li kien meta sar it-tieni negozju u gew konsenjati lilha l-hwejjeg tat-tieni konsenja li sar il-ftehiem li l-hlas kollu dovut isir fi tlett pagamenti. Hi f’din il-parti tad-depozizzjoni taghha regghet insistiet (kontrarjament li dak li qalet f’l-istqarrija taghha) li Di Stefano qatt ma ta flus.

Illi huwa relevanti ukoll li ghalkemm l-imputata tallega li l-hwejjeg hi akkwistathom minghand Formosa biex

tibghathom lil Di Stefano ma gabet l-ebda prova biex turi meta jew kif baghtithomlu. L-imputata allegat ukoll li pendente lite Di Stefano baghthielha xi cheques biex jissalda dejn li kellu maghha, dawn ic-cheques ma kienux jissarfu ghalhekk baghtithomlu lura. Hija prezentat printout ta' zewg e-mails li ghamlu referenza ghal dawn ic-cheques; fihom hemm indikat li dawn qeghdin fil-pussess ta'l-imputata. Hi pero allegat li dan mhux minnu ghax baghtithom lura. Il-Qorti difficilment tifhem kif fil-mori tal-procedrui odjerni l-imputata giet f'pussess ta' xi cheques allegatament mibghuta lilha minghand Di Stefano u ma prezentathomx lill-Qorti jew almenu lill-pulizija in sostenn ta' l-allegazzjonijiet li ilha taghmel dwar l-ezistenza ta' dan Di Stefano u n-negozju tieghu maghha – negozju li incidentalment hi tghid li minnu ma kienet ser tiehu xejn u ma taqla xejn, lanqas xi commission!!

Illi ta min jirrileva ukoll li ma gew prezentati l-ebda fatturi, ricevuti jew dokumenti ohra biex jintefa' xi dawl fuq il-kronologija tal-konsenji minnghand Formosa lill Sciberras ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-pulizija nghatawlhom xi invoices. Lanqas ma gew prezentati dokumenti simili li b'xi mod jikkoroboraw dak li allegat l-imputata dwar il-konsenja tal-hwejjeg da parti taghha lill Distefano.

Illi minkejja dawn il-kunflitti u kontradizzjonijiet dwar il-kronologija kif diga ntqal hemm numru ta' fatti, elenkati aktar 'l fuq, li jirrizultaw ampjament. L-ezercizju li ghandu jsir issa huwa ezami ta dawk il-fatti li jirrizultaw biex jigi stabbilit jekk jirrikorrux l-elementi tar-reati addebietati lill-imputata. Dawn huma truffa (li inkluz u kompriz fih hemm ir-reat ta' frodi innominata) jew ricettazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta'*

*ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[1].

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[2]

Illi din l-kawza hawn fuq kwotata u hafna ohrajn bhala[3] kienu jikkoncernaw hrug ta' cheque li ma giex onorat ghaliex ma kienx hemm fondi bizzejjed biex ikopruh fil-kont ta' min ikun hareg ic-cheque. Il-Qorti f'dawn il-kawzi inkludiet fost il-forom li l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu s-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta fil-fatt m'ghandiex.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali irriteniet ukoll li

*Ikun hemm ir-reat ta' truffa meta jigi emmess cheque li ma jigiex onorat mill-bank anki meta precedentement il-kwerelant gja jkun kellu problemi biex isarraf cheques tal-kwerelat … Anki fejn imbaghad wara l-appellant ikun ihallas, dana xorta wahda ma jfissirx li t-truffa ma tkunx saret.*[4]

Ikkunsidrat

Illi minn ezami tal-fatti kif fuq esposti jirrizulta li meta l-imputata ordnat il-hwejjeg minghand Formosa diga kellha

---

[1] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[2] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[3] Ara per ezempju Pulizija vs John Christopher Martin Appell Kriminal deciza 19.01.2006.
[4] Ref Pulizija vs John Christopher Martin op cit.

diffikultajiet finanzjarji; l-imputata kienet taf li kien se ikun difficli jekk mhux impossibbli ghaliha li mal-konsenja thallas dak li kienet ordnat tant li hafna cheques li kienu qed jinhargu mill-kont in kwistjoni ma kienux qed jigu onorati mill-bank. Hija, cioe l-imputata, uzat l-istorja tan-negozju ma' dan Maurizio Distefano kif ukoll harget blank cheque bhal speci ta' garanzija ta' hlas biex tikkonvinci lil Formosa tkompli tissupliha bil-hwejjeg bir-rizultat li l-imputata irnexxielha tkompli takkwista hwejjeg minghand Formosa li ma setghetx thallas ghalihom.

Illi ghalhekk, u fid-dwal tal-gurisprudenza fuq kwotata, il-Qorti hija sodisfatta li l-agir ta' l-imputata jikkostitwixxi l-messa in xena rikjesta biex jissussti r-reat ipotizzat taht l-artikolu 308.

Illi jirrizulta ampjament ukoll l-aggravju kontemplat ai termini ta'l-artikolu 310(1)(a) stante li l-valur ta' hwejjeg konsenjati lill-imputata bhala rizultat ta' din il-messa in xena jeccedi bil-ferm l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Illi l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni hija mghotija bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Stante li l-imputata qed tinstab hatja ta' l-ewwel imputazzjoni l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata u min-naha l-ohra l-fedina penali taghha li hija netta.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li huwa f'l-interess tal-parte civile li l-imputata thallas l-ammonti dovuta, haga li l-imputata zgur ma tkunx tista' taghmel jekk hija tkun qed tiskonta piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fl-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, u wara li rat l-artikoli 18, 308, u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja ta'l-ewwel imputazzjoni u taghha tikundannah tlettax il-xahar prigunerija li b'applikzzjoni ta'l-

artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal sentejn. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H tal-istess Kap 9 qed tordna lill-imputata biex fi zmien sitt xhur thallas is-somma ta' tmintax l-elf sitt mija erbgha u tletin Euro u disgha u disghin centezmu (€18,634.99) lill-parte civile Rose Marie Formosa.

Il-Qorti spejgat lill-hatja r-responsabbilta taghha u x'jigri jekk hija tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn mill-llum jew jekk ma thallasx l-ammont minnha dovut fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------